# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

**MA VIE DE COURGETTE**
**(*ĦAJTI BĦALA ZUKKINI*)**
Claude Barras
l-Iżvizzera, Franza

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

10 years

Parlament Ewropew

# MA VIE DE COURGETTE
# *Ħajti bħala Zukkini*







### FILM TA' ANIMAZZJONI TA' CLAUDE BARRAS

Courgette m'għandu x'jaqsam xejn maz-zukkini jew ħaxix ieħor, iżda huwa l-laqam ta' tfajjel qalbieni. Jaħseb li jinsab waħdu fid-dinja meta jitlef lil ommu. Iżda dan kien qabel ma sar jaf it-tfal li ltaqa' magħhom fil-ħajja ġdida tiegħu f'orfanatrofju. Simon, Ahmed, Jujube, Alice u Béatrice: ilkoll għandhom l-istorja tagħhom u kollha huma iebsa daqskemm huma teneri. Imbagħad hemm din it-tifla, Camille. Meta wieħed ikollu 10 snin, ikollu l-klikka ta' ħbieb, jibda n-namur, dak li jkun ikollu ħafna x'jiskopri u x'jitgħallem. U għaliex le, anki, li jkun ferħan...

Dan il-film animat, maħsub għal pubbliku wiesa', huwa adattament ta' rumanz. Jiddistingwi ruħu mill-maġġoranza tal-produzzjonijiet għal pubbliku żagħżugħ minħabba l-estetika oriġinali tiegħu (figuri animati b'għajnejn kbar u tondi) iżda fuq kollox minħabba t-ton tiegħu, li jippermetti li jiġu indirizzati kwistjonijiet serji b'ħafna prudenza. "Trid il-kuraġġ biex tgħid li dan il-film ikun ideali li tipproponih bħala film għat-tfal", tirrikonoxxi Céline Sciamma (*Girlhood* nominat għall-PREMJU LUX fl-2014), li kitbet ix-xeneġġatura.

### TENSJONI BEJN ID-DEHRA U L-KONTENUT

Għall-bidu, *Ħajti bħala Zukkini* jidher li hu film għat-tfal: il-films ta' animazzjoni huma ġeneru assoċjat ħafna ma' pubbliku żagħżugħ. Il-personaġġi kollha għandhom rashom kbira, b'għajnejn kbar u tondi li għaldaqstant ikomplu jagħtu l-impressjoni ta' film għat-tfal, apparti l-fatt li l-protagonista hu tifel ta' disa' snin. L-univers viżiv tal-film hu pjuttost ikkulurit; Courgette nnifsu għandu xagħru blu. Il-personaġġi differenti huma mibnija fuq l-istess mudell, il-varjazzjonijiet insibuhom fil-kuluri, fil-volumi, fl-ilħna kif ukoll fid-dettalji li jindikaw il-personalità, xi drabi b'mod ftit karikaturali: in-nuċċali ta' Madame Papineau (id-direttriċi tal-orfanatrofju), il-farrett ta' Simon, it-troffa bjonda li tgħatti wiċċ Alice.

Iżda hemm il-kuntradizzjonijiet f'din l-impressjoni ta' ambjent karatteristiku ta' "film għat-tfal": wara l-ewwel minuti fil-fatt, jinħass li s-suġġett tal-film u t-ton tiegħu ipoġġuh f'reġistru pjuttost imbiegħed minn dak li jiġi propost ġeneralment għat-tfal: omm Courgette tara t-televixin weħidha waqt li tixrob il-birra (bil-bottijiet jiġru mal-art) u tikkummenta dwar it-teledramm bi kliem li juru d-diżillużjoni tagħha fir-rigward tal-irġiel ("Giddieb!" tgħid lill-attur li jwiegħed imħabbtu lill-attriċi). Courgette, bid-dwawar blu mad-dawra t'għajnejh li mhux soltu naraw fuq tfal tal-età tiegħu, jiġbor il-bottijiet vojta biex jilgħab bihom fl-ispazju ta' taħt is-saqaf u jagħmel torri bihom. Iżda meta dan it-torri ta' bottijiet jikkrolla, ommu, maħsuda minħabba l-istorbju u d-diżordni, tibda tielgħa lejn l-ispazju ta' taħt is-saqaf waqt li thedded lil Courgette li se ttih daqqtejn tajba...

Din l-ewwel xena tippreżenta s-sitwazzjoni b'mod tajjeb ħafna: wieħed naturalment jasal għall-konklużjoni li omm Courgette kien telaqha żewġha u li d-disprament wassalha għall-problema tax-xorb. Jista' jkun li l-mibegħda lejn l-irġiel b'mod ġenerali jew id-diżgust li tħoss minħabba l-infedeltà ta' żewġha tiżvogahom fuq binhom, u tibda ssawtu għal kull vavata. U donnu li din kienet saret id-drawwa.

Iżda din is-sitwazzjoni diġà mwiegħra tkompli tiggrava: Courgette, bil-biża' tax-xebgħa li kien se jaqla', jagħlaq f'salt il-bieba tal-ispazju ta' taħt is-saqaf, u din tinżel fuq ras ommu u nisimgħuha taqa' għal isfel. Ix-xena ta' wara tikkonferma dak li l-ispettatur ikun issuspetta, meta l-pulizija







jistaqsi lil Courgette: "Ommok *kienet* twajba miegħek?". Wara jistaqsih ukoll dwar missieru, u Courgette jurih it-tajra tiegħu, li fuqha kien pinġa lil missieru, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm għattuqa, "l-għattuqa ta' missieri", jgħid fi kliem ommu.

Iċ-ċkejken Courgette ma fehemx, tal-inqas, mhux b'mod konxju, li fir-realtà, l-għattuqa li għandu missieru mhijiex tiġieġa fil-veru sens tal-kelma, iżda l-ispettatur adult ovvjament fehem li l-missier telaq ma' mara oħra. L-umoriżmu tax-xena, li jinħass biss mill-ispettaturi adulti, idarras.

B'dan il-mod, l-isfida tal-film hija ppreżentata mill-ewwel ftit minuti: *Ħajti bħala Zukkini* donnu film għat-tfal, u ċertament jistgħu jarawh it-tfal, għax jadotta l-perspettiva ta' tifel, iżda daqstant ieħor huwa indirizzat għall-adulti.

## GĦAJNEJN KBAR U TONDI

Iċ-ċinema għall-pubbliku żagħżugħ xi drabi tiżbalja għax tkun sempliċistika jew karikaturali, u tippreżenta d-dinja kumplikata bl-abjad u l-iswed. Fil-film *Ħajti bħala Zukkini* ċertament joħorġu l-lati opposti tat-tajbin u l-ħżiena (*Raymond il-pulizija vs iz-zija ta' Camille…*) iżda minkejja t-tendenza li jaqta' ġudizzju malajr, jew saħansitra jgħaddi preġudizzju (bħal Ahmed li sistematikament iwaddab l-ilma lejn ras Raymond "għax hu pulizija", jew bħas-sinjura tal-muntanja li takkuża lil Ahmed b'serq u b'gideb, bla dubju għax huwa Magrebin), il-film jiżviluppa ruħu, madankollu, b'mod pjuttost bilanċjat.

Għalhekk, il-personaġġ ta' Simon (b'farrett fuq nagħsu, flokk b'disinn ta' ras ta' mewt, attitudni arroganti) nidentifikawh malajr bħala l-perċimes tad-dar, li se jagħti fastidju lil Courgette: jgħaddi ż-żmien bih, jiġbidlu lura s-siġġu li jkun se jpoġġi fuqu, u jgħidlu "Merħba fil-ħabs, baħnan", rimarka li tinstema' donnha theddida. Madankollu, wara konfront bejn iż-żewġ subien, ikun Simon li jdur fuq Courgette u jieħu l-inizjattiva li joħloq relazzjoni miegħu waqt li jirrakkontalu l-passat ta' kull tifel u tifla tal-orfanatrofju. Wara dan, anki jekk qatt ma jitlef l-attitudni tiegħu ta' ribell (il-ħitan tad-dar huma miksija bil-graffiti tiegħu ta' "ras ta' mewt"), niskopru li l-personaġġ tiegħu ta' kbir li jdejjaq liż-żgħar jaħbi personalità oħra, tat-tifel il-kbir li jieħu ħsieb lil ħutu ż-żgħar. B'hekk, joffri l-mezz lil Camille biex taħrab lil zijitha kattiva, u fuq kollox, wara li Courgette u Camille jitilqu, ikun hu li jittrenja liż-żgħar, minkejja li jidher li hu kommoss ħafna: "ħa nagħmlu tellieqa u min jiġi l-aħħar se jaħsilli l-qliezet ta' taħt għall-bqija ta' ħajtu". Din l-isfida magħmula liż-żgħar tiġbor fiha l-kumplessità kollha tas-sentimenti ta' Simon: id-dieqa li jara lil ħbiebu sejrin, l-għarfien li huwa qatt mhu se jiġi adottat, ix-xewqa li liż-żgħar jevitalhom it-toqol ta' dak il-mument, ir-rieda li jaħbi s-sensittività tiegħu b'theddida falza, u finalment, sens qawwi ta' solitudni. Simon jinsab propju fil-punt bejn it-tfulija u l-ħajja adulta.

It-tfal tal-orfanatrofju għandhom kunċett imċajpar tal-adulti b'riżultat tal-esperjenzi personali tagħhom: Courgette ra lil missieru jabbanduna lilu u lil ommu, u mbagħad lil ommu tispiċċa bil-problema tax-xorb; Missier Alice ikun abbuża sesswalment minnha; Simon ra lill-ġenituri tiegħu "dejjem" jieħdu d-drogi, jaraw il-films pornografiċi, u llum jirċievi rigali mingħand ommu, li jaslulu bil-posta u mingħajr l-iċken kelma indirizzata lilu; Jujube għex ma' omm li kienet kompletament miġnuna; Camille rat lil missierha joqtol lil ommha u wara joqtol lilu nnifsu. U Ahmed u Béa raw lill-ġenituri tagħhom jiġu esklużi mis-soċjetà Franċiża: missier Ahmed kien il-ħabs talli wettaq "hold-up f'pompa tal-petrol biex jixtrilu Nike" waqt li omm Béa ġiet imkeċċija mill-pajjiż. Mhuwiex sorprendenti, għalhekk, li jibqgħu b'għajnejhom imberrqin meta jiskopru tipi oħra ta' adulti. B'hekk, meta jisma' lil Rosy titkellem dwar il-bews ta' qabel l-irqad, Courgette lanqas jemmen lil widnejh... Meta, fuq il-muntanja, it-tfal tal-orfanatrofju jaraw tifel żgħir jaqa' u jaraw lil ommu tiġbru u tfissdu, jibqgħu ċċassati, u għajnejhom ikunu jridu jinqalgħu minn posthom. "Kemm

hi sabiħa ommu", jgħid wieħed minnhom. "Ma jistax ikun li dik ommu", iwieġbu l-ieħor. Dan il-ġest ta' konsolazzjoni, mimli ħlewwa u tenerezza, donnu li ma jafux x'inhu, u jiddubitaw li omm kapaċi tagħtih. Bl-istess mod, ir-relazzjoni ta' mħabba bejn Rosy (l-għalliema) u Monsieur Paul (is-surmast) tinteressahom ħafna fid-dimensjoni sesswali tagħha, li huma jippruvaw jinterpretaw. Courgette jispjegalhom: "dak għax iħobbha;. qed jagħfasha sew miegħu għax jibża' li taħrablu". Courgette jifhem dan għax hu jkun sar iħobb lil Camille.

## NAQRA NAQRA, TIKBER IR-REŻILJENZA

Dawn it-tfal tal-orfanatrofju, li lkoll ikunu għexu esperjenza diffiċli, ibatu, naturalment, u din it-tbatija tidher fl-effetti li tiġġenera. Ahmed jagħmel pipì taħtu; Alice titfixkel f'saqajha meta tilgħab il-lastku u kull darba li jinqala' kunflitt, tibda titriegħed u tħabbat il-pużati mal-platt; Béa tgħajjat "mamà" malli tisma' ħoss ta' karozza; Simon, kif għidna, jinħeba wara personaġġ ta' tifel pulikarju; Jujube l-ħin kollu jiekol; Camille tistaħba f'armarju...

Madankollu, ġaladarba jinħarġu mill-ambjent negattiv li kienu fih, it-tfal jerġgħu jibdew jibnu lilhom infushom ftit ftit, u dan nistgħu nosservawh permezz ta' sinjali żgħar. Courgette, li l-uniku rikordju li kellu t'ommu kien bott tal-birra vojt, jgħawweġ il-bott b'mod li jagħmel dgħajsa ċkejkna minnu, biex jagħtiha lil Camille. B'hekk, ir-rikordju miżerabbli ta' relazzjoni żvinturata tinbidel f'simbolu ta' relazzjoni ġdida, ħafna aktar allegra. Ahmed, li ġie akkużat inġustament minn omm it-tifla tal-muntanja, fl-aħħar mill-aħħar jiftakar biss il-ġest ġeneruż tat-tifla li tagħtih in-nuċċali tal-iskijjar, li ma jaqalgħux minn għajnejh! Alice tittrasforma l-movimenti nervużi tagħha f'tentattiv li tikser rekord tal-qbiż. Din il-bidla bil-mod il-mod minn sitwazzjoni diffiċli għal oħra paċifika u feliċi titkejjel ukoll bil-marki mħollija mal-ħajt biex jiddokumentaw it-tul tat-tfal. Meta Courgette jerġa' jżur, flimkien ma' Raymond u Camille, l-appartament li kien jgħix fih m'ommu, il-marki jikkorrispondu għal tifkiriet trawmatiċi ("dakinhar li weħilt mill-eżamijiet u kelli nirrepeti s-sena; dakinhar li telaq missieri... "), iżda f'dar Raymond, il-marki jikkorrispondu għal avveniment ta' ferħ: "dakinhar li sirtu wliedi".

Il-film jintemm b'ittra li Courgette jibgħat lil Simon. Dan tal-aħħar, ftit wara li Courgette kien intbagħat jgħix fl-orfanatrofju, kien irrakkontalu l-passat ta' kull tifel u tifla, u spiċċa bil-kliem "Ma baqa' ħadd min iħobbna". Iżda Courgette jgħidlu li ma kellux raġun, li hu u Camille ma kinux nesewh, la lilu u lanqas lit-tfal l-oħra tad-dar... Iżda forsi aktar minn dan il-messaġġ huwa indikattiv l-iskambju bejn Courgette u Camille fl-aħħar lejl fuq il-muntanja. It-tifel jirreferi għall-futur li seta' kellu m'ommu (birra u televixin...) u jifraħ li ħeles minn dan id-destin. Filwaqt li Camille, hija wkoll tippreferi tgħix mat-tfal u man-nies tal-orfanatrofju milli ma' zijitha. U fuq kollox, mingħajr Les Fontaines, kieku qatt ma kienu jiltaqgħu...

Dan il-film għat-tfal għalhekk iqajjem mistoqsijiet essenzjali lill-adulti: x'mudell nixtiequ nipproponulhom lit-tfal? L-ambjent li fih inrabbu lil uliedna huwa l-aktar wieħed li jiffavorixxi żvilupp armonjuż? Sa liema punt għandhom riperkussjonijiet fuq it-tfal il-passjonijiet, il-frustrazzjonijiet u l-interessi tal-adulti?

Finalment, fil-kuntest tat-tensjonijiet dwar, pereżempju, iż-żwieġ għal kulħadd, il-film jenfasizza bil-qawwa u bl-elokwenza li l-familja tradizzjonali (missier wieħed, omm waħda) mhux bilfors hija l-post ideali sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp tat-tfal. Jista' jkun li l-ommijiet u l-missirijiet ikunu inkompetenti, irresponsabbli, vjolenti, assenti... L-importanti mhuwiex ir-rwol, l-istatus, il-grad ta' parentela, iżda r-relazzjoni u dak li ninvestu fiha.







**PUNTI TA' RIFLESSJONI**

L-adulti tal-film jinqasmu b'mod ġenerali bejn tajbin u ħżiena. Iżda għadd konsiderevoli ma jistgħux jiġu ridotti għal dawn il-kategoriji, speċjalment fil-perspettiva ta' wliedhom, li apparti hekk, taf tevolvi maż-żmien. Naraw pereżempju dak li jgħid Courgette jew dak li jagħtik x'tifhem dwar ommu. Kif għandha tiġi interpretata t-tpinġija fuq it-tajra, b'missieru bħala supereroj (bil-maskra u l-mantell)? Kif għandha tiġi interpretata r-reazzjoni ta' Béa meta ommha tirritorna? U xi ngħidu għal missier Ahmed li qiegħed il-ħabs talli wettaq hold-up "f'pompa tal-petrol biex jixtrilu Nike"?

Ix-xena tal-lunapark, fejn Raymond jieħu lil Courgette u lil Camille, tiffoka fuq żewġ attrazzjonijiet: il-ferrovija tal-ħares u l-istand tal-isparar. Taħseb li dawn il-mumenti meta wieħed esperjenza l-biża' jew jispara senter bħala divertiment għandhom tifsira differenti għal dawn it-tfal li għexu l-biża' u l-vjolenza reali?

Iċ-ċinema għall-pubbliku żagħżugħ għandha tattira wkoll lill-adulti għaliex huma l-adulti li jieħdu lit-tfal jaraw il-films u importanti li jieħdu gost huma wkoll, għax inkella ma jerġgħux jeħduhom! Dan sikwit isir permezz ta' messaġġi aktar sottili, b'allużjonijiet u b'riferimenti. Dan mhuwiex il-każ fil-film *Ħajti bħala zukkini*. Taf b'films oħrajn "tajbin għall-familja kollha" li għandhom din il-kwalità li jippermettu skambju ġenwin bejn il-ġenituri u t-tfal, aktar milli jipproponu żewġ tifsiriet paralleli? Liema huma?

## 10 SNIN TA' ĊINEMA EWROPEA GĦALL-EWROPEJ

Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għall-PREMJU LUX 2016:

**À PEINE J'OUVRE LES YEUX *(Hekk kif niftaħ għajnejja),***
film ta' Leyla Bouzid
Franza, it-Tuneżija, il-Belġju, l-Emirati Għarab Magħquda

**MA VIE DE COURGETTE *(Ħajti bħala Zukkini)***, film ta' Claude Barras
l-Iżvizzera, Franza

**TONI ERDMANN**, film ta' Maren Ade
il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Rumanija

Dawn l-istejjer multidimensjonali, il-frott tad-dedikazzjoni u tal-kreattività bla qies ta' reġisti żgħażagħ Ewropej b'ħafna talent, se jintwerew waqt il-ħames edizzjoni tal-JIEM TAL-FILMS LUX.

## IL-PREMJU LUX

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna.

B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-PREMJU LUX fl-2007 bl-għan li jtejjeb id-distribuzzjoni tal-films Ewropej fl-Ewropa u jqajjem dibattiti u diskussjonijiet fl-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà.

Il-PREMJU LUX hu inizjattiva unika. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż tal-oriġini u rarament jiġu distribwiti bnadi oħra, anke fi ħdan l-UE, il-PREMJU LUX joffri opportunità rari li tliet films Ewropej jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rebbieħ tal-PREMJU LUX se jintgħażel mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar nhar it-23 ta' Novembru 2016.

## IL-JIEM TAL-FILMS LUX

Il-PREMJU LUX ta lok ukoll għall-JIEM TAL-FILMS LUX. Mill-2012, it-tliet films li jkunu qed jikkompetu għall-PREMJU LUX jiġu ppreżentati lil pubbliku Ewropew usa' fil-JIEM TAL-FILMS LUX.

Il-JIEM TAL-FILMS LUX huma stedina għal esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Bejn Ottubru u Diċembru 2016 tista' tingħaqad ma' dilettanti taċ-ċinema mill-Ewropea kollha u tassisti għall-wiri ta' *Hekk kif niftaħ għajnejja, Ħajti bħala Zukkini* u *Toni Erdmann* f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna luxprize.eu jew fil-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-PUBBLIKU

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku hija l-premju tal-għażla tal-poplu tal-PREMJU LUX. Tinsiex tivvota għal *Hekk kif niftaħ għajnejja, Ħajti bħala Zukkini u Toni Erdmann*! Jaf ikollok l-opportunità li tintgħażel biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali Karlovy Vary f'Lulju 2017 — fuq stedina tal-Parlament Ewropew — u tħabbar il-film rebbieħ tar-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku.

# ARA, IDDIBATTI U VVOTA

@luxprize
#luxprize

LUX
PRIZE
.EU

QA-02-16-704-MT-N

**REĠISTA**: Claude Barras

**XENEĠĠATURA**: Céline Sciamma

**DIRETTUR TAL-FOTOGRAFIJA**: David Toutevoix

**DIRETTRIĊI TAL-ANIMAZZJONI**: Kim Keukeleire

**MUŻIKA**: Sophie Hunger

**PRODUTTURI**: Max Karli, Pauline Gygax, Aremelle Glorennec, Eric Jacquot, Marc Bonny

**PRODUZZJONI**: Rita Productions, Blue Spirit Productions, Gebeka Films, KNM, Radio Télévision Suisse, SRG SSR, Rhône-Alpes Cinéma, France 3 Cinéma, Helium Films

**SENA**: 2016

**TUL**: 75´

**ĠENERU**: Animazzjoni

**PAJJIŻI**: l-Iżvizzera, Franza

**VERŻJONI ORIĠINALI**: il-Franċiż



